# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D.
## Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 237/15 CSH**

**The Yacht Shop Limited (C58195)**

**Vs**

**Dr. Christopher Chircop nominat bid-digriet tat-3 ta' Settembru, 2015 Kuratur Deputat ghal M/Y Regulus registrat fil-Brittanja, b'numru ufficjali 742687 u s-socjeta' estera Balant Group Limited, Intershore Chambers, Road Town, Tortola, British Virgin Islands**

**Ilum 8 ta Jannar 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 t'Awissu, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill- konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef disa' mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4986.25) rapprezentanti diversi provizjonijiet u riparazzjonijiet provduti lill-bastiment M/Y Regulus kif indikat fir-rendikont u fatturi, hawnhekk annessi u mmarkati bhala 'Dok. A', liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u li huma naqsu li jhallsu minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, minn issa kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Christopher Chirkop, Kuratur Deputat, kif prezentata f'dawn l-atti nhar id-9 ta' Ottubru, 2015 ( fol. 42) fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tiddeciedi din il-kawza.*
2. *Illi The Yacht Shop Limited ghandha l-piz tal-prova u cioe' illi permezz tal-provi mressqa minnha trid tikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li qeghdin jigu allegati huma fondati.*
3. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjara li m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qieghed jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huwa jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Semghet l-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar il-kompetenza u dan fl-istess seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 fejn il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din l-istess eccezzjoni.

## Ikkunsidrat.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru 2015 Dr. Chrisptopher Chircop, Kuratur intimat, sostna li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza tisma' l-kawza odjerna a bazi ta' l-**Artikolu 742B tal-Kap. 12,** u dan ghaliex sostna li din hija azzjoni *in rem* kontra bastiment li mhux prezenti hawn Malta.

L-elementi li ghandhom jissussistu sabiex azzjoni valida tkun wahda *in rem* gew identifikati f'numru kbir ta' sentenzi moghtija mill-Qrati nostrana fosthom dik moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar l-10 ta April 2003 fl-ismijiet **Valfracht Roro Line Limited vs Dr. Louis Cassar Pullicino noe**, Rikors Numru 1605/00. F'din is-sentenza inghad li l-elementi li huma rikjesti ghal azzjoni *in rem* huma s-segwenti:-

*(a) kreditu li jaqa' taht wiehed mill-irjus imfissrin f'xi wahda mill-ligijiet imharsa bl-Ordinanza dwar it-Trasferiment tal-Gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Vici-Ammiraljat* – illum sostitwit bl-A*rtikolu 742B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Att numru XIV tas-sena 2006;*

*(b) azzjoni immexxija specifikatament kontra l-bastiment;*

*(c) il-prezenza tal-bastiment fit-territorju li jaqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qorti; u (d) iz-zamma tal-bastiment fil-gurisdizzjoni jew il-hrug ta' garanzija tajba bizzejjed biex kull sentenza li tista' tinghata kontra l-bastiment tista' tigi ezegwita*.

Minn ezami akkurat ta' din is-sentenza jirrizulta bic-car li azzjoni *in rem* hija azzjoni li tigi prezentata direttament kontra l-bastiment u fil-fatt l-**Artikolu 181(A)(3) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

"*Meta għandha tiġi preżentata skrittura minn jew kontra bastimenti jew inġenji oħra tal-baħar, ikun biżżejjed jekk jissemma l-isem ta' dak il-bastiment jew ta' dawk l-inġenji l-oħra, skont il-każ, u ma jkunx meħtieġ li jissemma l-isem ta' xi persuna sabiex tirrappreżenta lil dak il-bastiment jew dawk l-inġenji.*

*Iżda l-iskritturi msemmija f'dan is-subartikolu għandhom jiġu notifikati skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) tal-artikolu 187.*

*Il-Proviso ghal dan l-artikolu huwa importanti hafna partikolarment ghad-determinazzjoni gusta tal kaz li qed jigi ezaminat".*

**L-Artikolu 187(7) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

*"Fil-każ ta' azzjoni kontra bastimenti jew inġenji oħra tal-baħar, in-notifika ssir billi tingħata kopja tal-iskrittura lill-kaptan jew lil kull min ikun jaqdi dawk id-dmirijiet jew, fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, lill-aġent tal-bastiment jew ta' inġenji oħra, skont il-każ, jew fin-nuqqas ta' dawk il-persuni u aġent, lil kuraturi li jinħatru mill-qorti skont l-artikolu 929:*

*Iżda l-qorti tista' wkoll tuża kull mezz ieħor li jidhrilha xieraq sabiex tgħarraf lil min għandu jiġi notifikat b' dik l-iskrittura."*

Jinghad li f'din il-kawza sa dan l-istadju l-partijiet ma ressqux xhieda jew provi izda rrimettew ruhhom ghall-atti processwali u ddikajraw li l-eccezzjoni li dwarha ser tinghata din is-sentenza preliminari hija wahda purament legali.

Illi fir-rikors promotur jirrizulta li r-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsuh somma flus rapprezentanti din is-

somma diversi provizjonijiet u riparazzjonijiet provduti lill-bastiment intimat M/Y Regulus kif indikat fir- rendikont u fatturi esebiti mar-rikors immarkati bhala Dok A, liema ammont huwa veru, likwidu u dovut. Jidher minn ezami ta' dawn l-*invoices* li s-servizz li nghata kien wiehed relatat ma' tindif u zebgha tal-bastiment intimat u l-istess invoices gew mibghuta direttament lill-bastiment.

Illi m'hemmx dubju mill-premessi tar-rikors promotur li din hija kawza *in rem* kontra l-bastiment ghall-hlas ta' allegat xoghol ta' riparazzjoni, tiswija u provvista ta' oggetti maghmula mis-socjeta' rikorrenti - prezumibilment fuq inkarigu tal-bastiment intimat - esegwiti bejn it-30 ta' April 2015 sal-14 ta' Lulju 2015 fuq il-bastiment M/Y Regulus.

Ghalkemm m'hemmx imsemmi fl-**Artikolu 929 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jista' jkun hemm hatra ta' kuratur sabiex jirrapprezenta bastiment, tali nomina jipprovdi ghaliha l-**Artikolu 187(7) tal-Kapitolu. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bastiment ghalkemm jista' jkun intimat fi proceduri legali, hu oggett inanimat li meta rinfaccjat bi proceduri gudizzjajri irid ikun rapprezentat minn xi persuna fizika, jew il-kaptan, l-agent jew fin- nuqqas minn kuratur nominat mill-Qorti li ghandu jidher sabiex jiddefendi l- interessi tal- bastiment. Din hi l-vera raguni il-ghala il-prezentata ta' kawza *in rem* ghandha ssir kontra l-kaptan tal-bastiment, kontra l-agent tal-bastiment jew kontra kuratur nominat mill-Qorti biex jirrapprezenta l-bastiment u dan il-fatt zgur li ma jrendix l-azzjoni bhala wahda *in personam*. Dan ir ragunament gie diskuss fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dr. Max Ganado noe vs Captain Sebastiano**

**Pizzimenti noe, App. Nru.: 107/95** deciza fit- 30 ta' Novembru 2011, fejn din il-Qorti irriteniet li:-

" *huwa fatt inkontestat li l-azzjoni in rem trid tigi intavolata kontra l-bastiment, li hu konvenut fil-kawza, minghajr in-necessità li jissemew is-sidien tal-bastiment. L-azzjoni hija separata mill-azzjoni in personam. L-appellant nomine huwa korrett meta jissottometti li bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, meta tigi intentata kawza kontra bastiment huwa bizzejjed li jissemma' l-istess bastiment biss, u li skond il-Kap.234 bastiment jikkostitwixxi klassi partikolari ta' immobbli distinta mill-proprjetà tas-sidien ghall-garanzija ta' l-azzjonijiet u krediti li ghalihom ikun suggett il-vapur. Izda bastiment huwa oggett inanimu, u kif sewwa jissottometti l-appellat nomine, il-ligi tirrikjedi li f'azzjonijiet kontra l-bastiment in-notifika ssir lil persuna fizika u mhux bizzejjed li din titwahhal jew tigi mhollija fuq il-vapur, ghar-raguni ovvja li hija l-persuna fizika li tista' tressaq difiza ghal dak allegat kontra l-bastiment".* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti ttenni ulterjorment li waqt li l-**Artikolu 181A(3) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi li f'azzjoni *in rem* huwa sufficjenti li jigi msemmi l-isem tal-bastiment jew vapur minghajr il-htiega li jigi msemmi isem ta' persuna biex jirrapprezenta l-bastiment jew vapur, xorta timplika li r-rikorrenti fil-prezentata tal-kawza ghandu jsemmi l-persuna li ghandha tirrapprezenta l-bastiment jew vapur inkluz ghalhekk il-Kaptan tal-bastiment/vapur jew l-agent u/jew fin-nuqqas kuratur nominat mill-Qorti.

Illi sabiex ikun hemm gurisdizzjoni *in rem* kontra bastiment fir-rigward tal-pretensjonijiet li jaqghu taht Artikolu 742B(d) sa (y), ir-rekwiziti legali taht Artikolu 742D iridu wkoll jigu sodisfatti.

Illi dan l-artikolu qed jigi riprodott ghall-konvenjenza ta' dina l-Onorabbli Qorti:

**"742B.** *Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort' oħra,il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:*

*(a) kull pretensjoni għall-pussess, il-proprjetà jew it-titolu għal jew ta' vapur jew għall-proprjetà ta' xi sehem fih;*

*(b) kull kwistjoni li tinħoloq bejn komproprjetarji ta'vapur dwar il-proprjetà, il-pussess, it-tħaddim jew id -dħul ta' dak il-vapur;*

*(ċ) kull pretensjoni rigward ipoteka navali, ipoteka jew piż fuq vapur jew fuq xi sehem fih;*

*(d) kull pretensjoni li tinħoloq mill-kuntratt tal-bejgħ tal-vapur;*

*(e) kull pretensjoni għal ħsara li tkun saret lill-vapur;*

*(f) kull pretensjoni dwar ħsara magħmula jew ikkawżata minn vapur, kemm f' kolliżjoni kif ukoll xort' oħra;*

*(g) kull pretensjoni għal telf ta' ħajja jew korriment tal-persuna magħmulin, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar, minn vapur jew li jiġru f' konnessjoni mat-tħaddim ta' xi vapur jew li jiġu sofferti bħala konsegwenza ta' xi difett f' vapur jew fit-tagħmir jew apparat tiegħu jew bħala konsegwenza ta' xi għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' -*

*(i) is-sidien, in-noleġġaturi jew il-persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur; jew*

*(ii) il-kaptan jew l-ekwipaġġ ta' vapur, jew kull persuna oħra li s-sidien, in-noleġġaturi jew il-persuni li jkollhom il-pussess jew il-kontroll ta' vapur huma responsabbli għall-għemil ħażin, negliġenza jew ommissjoni ta' dik il-persuna,*

*li jkun għemil, att ta' negliġenza jew ommissjoni fin-navigazzjoni jew immaniġġar tal-vapur, fit-tagħbija, ġarr jew ħatt ta' merkanzija, fi jew mill-vapur, jew fl-imbark,ġarr jew żbark ta' persuni fuq, fi jew mill-vapur;*

*(h) kull pretensjoni għat-telf ta' jew ħsara lill-merkanzija, inklużi l-bagalji, li tinġarr fuq vapur;*

*(i) kull pretensjoni li tinħoloq minn xi ftehim li jirrigwarda l-ġarr ta' merkanzija abbord jew l-użu jew il-kiri ta' vapur, kemm permezz ta' charter party jew xort' oħra;*

*(j) kull pretensjoni ta' natura ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ jew xi ftehim ta' salvataġġ inkluż, jekk ikun applikabbli, l-kumpens speċjali li għandu x' jaqsam ma' operazzjonijiet ta' salvataġġ rigward vapur li bih innifsu jew bil-merkanzija tiegħu hedded li jagħmel ħsara lill-ambjent;*

*(k) kull pretensjoni dwar -*

*(i) ħsara jew theddida ta' ħsara kkawżata mill-vapur lill-ambjent, il-linja tal-kosta jew interessi relatati;*

*(ii) miżuri li jittieħdu biex jipprevjenu, inaqqsu jew ineħħu dik il-ħsara; u għall-kumpens għal dik il-ħsara;*

*(iii) l-ispejjeż, li jkunu fil-fatt saru jew li jkunu ser isiru, għall-miżuri raġonevoli biex l-ambjent jerġa' jinġieb kif kien;*

*(iv) telf li jkunu sofrew jew li x' aktarx ser isofru terzi f' konnessjoni ma' dik il-ħsara; u*

*(v) għall-ħsara, spejjeż jew telf ta' għamla simili għal dawk elenkati fis-subparagrafi (i) sa (iv);*

*(l) kull pretensjoni dwar in-nefqa jew l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mat-tlugħ, it-tneħħija, l-irkuprar, il-qirda ta' vapur jew l-operazzjoni biex ma jkunx ta' ħsara, liema vapur jkun għereq, innawfraga, inkalja jew ġie abbandunat, inkluża kull ħaġa li tkun qiegħda jew kienet abbord dak il-vapur, u n-nefqa jew l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu maż-żamma ta' vapur abbandunat u l-manteniment tal-ekwipaġġ tiegħu;*

*(m) kull pretensjoni li għandha x' taqsam ma' rmonk rigward vapur;*

*(n) kull pretensjoni li għandha x' taqsam ma' pilutaġġ rigward vapur;*

*(o) kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u*

*manutenzjoni tiegħu;*

*(p) kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta' vapur;*

*(q) kull pretensjoni rigward drittijiet u spejjeż tal-port, tal-baċir jew driitijiet oħra portwali;*

*(r) kull pretensjoni mill-kaptan, mill-uffiċjali, jew minn membru tal-ekwipaġġ, jew mill-ekwipaġġ ta' vapur, għas-salarji u flejjes oħra dovuti lilhom rigward*

*l-impjieg tagħhom fuq il-vapur inklużi l-ispejjeż ta' rimpatrijazzjoni u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu f' isimhom;*

*(s) kull pretensjoni magħmula mill-kaptan, mill-persuna li timbarka l-merkanzija, min-noleġġatur jew mill-aġent rigward infieq magħmul minnhom għall-vapur jew għas-sidien tiegħu;*

*(t) kull pretensjoni dwar kummissjonijiet, senserija, jew drittijiet ta' aġenzija li jitħallsu rigward il-vapur, minn jew f' isem is-sid tal-vapur jew id-demise charterer;*

*(u) kull pretensjoni li tinħoloq minn att li hu jew li hu pretiż li hu att ta' avarija ġenerali;*

*(v) kull pretensjoni li tinħoloq minn kambju marittimu;*

*(w) kull pretensjoni dwar il-konfiska jew il-kundanna ta' vapur jew ta' merkanzija li qed tinġarr jew inġarret jew li jkun sar attentat biex tinġarr f' vapur jew biex jingħata lura vapur jew merkanzija bħal dik wara li jkunu nqabdu;*

*(x) kull pretensjoni dwar premia tal-assigurazzjoni, inklużi mutual insurance calls, rigward il-vapur li jitħallsu minn jew f' isem is-sid tal-vapur jew id-demise charterer;*

(*y) kull pretensjoni għal drittijiet u spejjeż oħra dovuti lir-Reġistratur Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin li jinħolqu skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Mekantili, u kull pretensjoni għal drittijiet ta' tunnellaġġ*".

Illi pero' apparti il-fatt li l-kreditu jista' jkun wiehed minn dawk elenkati aktar 'il fuq fl-**Artikolu 742B tal-Kap. 12,** sabiex tirnexxi azzjoni *in rem,* pero`,

huwa ben stabbilit li jridu jkunu sodisfatti kundizzjonijiet ohra li huma s-segwenti:

(1) li l-azzjoni tingieb specifikatament kontra l-bastiment – ghalhekk hija azzjoni *in rem;*

(2) il-bastiment irid ikun fl-ibhra territorjali; u

(3) il-bastiment irid ikun maqbud jew tinghata garanzija floku, sabiex tkun tista' ssir ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ikun il-kaz, fuq ir-res.

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jidher li wahda minn dawn l-elementi essenzjali ghall-ezercizzju ta' azzjoni *in rem* hija mankanti, w cioe' dak li l-vapur mhux qieghed hawn Malta u ma giet prezentata l-ebda garanzija sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' prezenza tal-bastiment hawn Malta. Huwa fatt inkontestat illi l-vapur ma kienx fl-ibhra Maltin meta giet intavolata l-azzjoni. Dan il-fatt huwa pprovat permezz tar-rikors tar-rikorrenti datat 10 ta' Awissu 2015, fejn hemm indikat li l-bastiment M/Y Regulus kien harab minn Malta minghajr ma kien avza lil hadd u s-socjeta' estera Balant Group Limited hija socjeta' li mhix registrata f'pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea u kien ghalhekk li saret talba ghan-nomina ta' kuratur.

**Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ghalkemm jirrizulta li t-talba tas-socjeta' rikorrenti kienet wahda gusta w taqa' fil-parametri tal-Artikolu 742B tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta, w appuntu fis-Sub-incizi "o" u "p", il-Qorti tirritjeni li, kienu x'kienu c-cirkostanzi tal-kaz,jibqa' l-fatt li l-**

**element essenzjali ghall-azzjoni huwa nieqes u cioe' l-prezenza tal-vapur fl-ibhra Maltin.**

**Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur intimat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza stante li m'ghandhiex gurisdizzjoni.**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tas-socjeta' attrici.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**